**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**<u>Rikors nru : 353/2023 AGV ;</u>**

**JDB**

**Vs**

**MR B P**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikrornti datat 21 ta' Gunju 2023;**

1. Illi l-partijiet inaghaqdu fiz- zwieg fl-1 ta' Marzu 2016 , kif jidher mid-dokument anness, u mmarkat Dok A, u minn dil-Ghaqda ghandhom tlett

itfal , AB P imwielda fl-4 ta' Dicembru 2015, M B P , imwielda fl- 4 ta 'Dicembru 2015, u MA BP imwield fis-6 ta' Ottubru 2009.

Illi tnejn ottjenew is-saparazzjoni personali kif in forza tad- digriet moghti mil-Onorabbli Qorti – Sezzjoni tal-Familja, datat 8 ta 'Marzu 2022, hawn anness u mmarkat Dok. B

Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikoncilazzjoni, bejn il-partijiet, stante li ilhom aktar minn 6 xhur jghixu separatemtn minn sena precedent hekk kif rikjest mil-artikolu 66 B tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta , u hekk kif ddikjarat mir-rikorrenti abbazi tal-affidavit hawn wara anness u mmarkat Dok. C. Huma ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment u dan stante li r-rikorrenti JDB qed ihallas regolarment il-manteniment dovut lir-rikorrenti MR B P abbazi tal-artikolu 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni, bejn ir-rikorrenti ippubblikat min-Nutar Sam Abela, fl- 20 ta' Mejju 2022 , hawn anness u mmarkat bhala Dok .D .

Illi dal-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundzzjoni u kriterji kkontemplati fl-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju

Ghldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dil-Onorabbli Qorti joghgobha ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 1 ta' Marzu 2016.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**